II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Frar 2008

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda u r-Repubblika Kirgiża min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea

(2008/628/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 44(2), it-tielet sentenza ta' l-Artikolu 47(2), u l-Artikoli 55, 57(2), 71, 80(2), 93, 94, 133 u 181a, flimkien mat-tieni sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Ottubru 2006, il-Kunsill, f'isem il-Komunità u l-Istati membri tagħha awtorizza lill-Kummissjoni, biex tinnegozja mar-Repubblika Kirgiża Protokoll għall-Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda u r-Repubblika Kirgiża min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

(2) Suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard, il-Protokoll għandu jiġi ffirmat f'isem il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom.

(3) Il-Protokoll għandu jiġi applikat b' mod provviżorju mill-1 ta' Jannar 2007, sakemm jintemmu l-proċeduri relevanti għall-konklużjoni formali tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-President tal-Kunsill hu b'din awtorizzat jaħtar il-persuna(i) bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw f'isem il-Komunitajiet Ewropew u l-Istati Membri tagħhom, il-Protokoll għall-Sħubija u l-Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati membri tagħha, min-naħa l-waħda u r-Repubblika Kirgiża min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f' data aktar tard.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni ([1]).

([1]) Ara paġna 42 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Artikolu 2

Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Jannar 2007.

Magħmula fi Brussell, 25 ta' Frar 2008.

Għall-Kunsill
Il-President
A. VIZJAK